17 ta' Mejju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Mary Demajo et. *versus* Joseph Micallef et.

## Retratt Konvenzjonali — Donazzjoni — Art. 1508 (2) tal-Kodiċi Ċivili

*Ir-regola sanċita fil-liġi, fis-sens illi r-retratt ma jistax jiġi eżerċitat fl-interess ta' ħadd ieħor, tapplika għar-retratt legali, u mhux ukoll għar-retratt konvenzjonali. U ġie ritenut illi lill-venditur li jeżerċita d-dritt tar-retratt konvenzjonali, li jkun żamm għalih fl-att tal-bejgħ, mhux vjetat li jirkupra biex ibiegħ il-fond lil ħadd ieħor, anki jekk l-eżerċizzju ta' dak id-dritt ikun sar bl-iskop li jiġi eluż id-dritt ta' rkupru ta' ħadd ieħor.*

*Id-dritt ta' retratt konvenzjonali jista' anki jiġi trasferit lil ħadd ieħor bi kwalunkwe titolu kompetenti skond il-liġi lil min ħekk jittrasferieħ; tant gratuwitament kemm bi prezz. Għaldaqstant id-dritt ta' retratt konvenzjonali jista' jifforma l-oġġett ta' donazzjoni.*

*Id-donatarju ta' dritt ta' retratt konvenzjonali jakkwista d-dritt li jeżerċita r-retratt konvenzjonali fuq il-fond mibjugħ fiż-żmien kollu li jkun għad fadal miż-żmien oriġinarjament stipulat fl-att tal-bejgħ; u jekk hu jeżerċita dak l-irkupru f'dak iż-żmien li jkun għad fadal, hu jirbaħ anki lil min ikun eżerċita r-retratt legali fuq dak il-fond qabel ma hu eżerċita r-retratt konvenzjo-*

*nali. Għax hu magħruf li fil-konkors tar-retratt legali u r-retratt konvenzjonali jirbaħ dan l-aħħar wieħed.*

Il-Qorti; Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li ppremettew illi (1) b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-18 ta' April, 1952 l-imsemmijin Joseph u Maria Micallef u Adelina armla Micallef biegħu lill-konvenut l-ieħor Gaetano Zahra l-maħżen u kantina fil-Ħamrun, Saint Joseph Road (High Str,). numri 108 u 109, qabel kienu 90 u 90ᴋ., suġġetti għall-piż annwu perpetwu ta' 10s. għall-quddies lejn il-Knisja tar-RR. Minuri Osservanti tal-Belt Valletta, minn kull piż ieħor liberi u franki, bil-prezz ta' £600, u l-vendituri rriżervaw favur tagħhom id-dritt tar-retratt konvenzjonali għal tliettax il-xahar (dok. A); u illi (2) b'ċedola numru 8, preżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-11 ta' April, 1953, huma rkupraw minn għand il-konvenut Zahra l-fondi fuq indikati bit-titolu ta' viċinanza, billi huma proprjetarji tal-fondi sovrapposti għal dawk mibjugħa, li għandhom servitujiet attivi u passivi fuq l-istess fondi, u ddepożitaw kontestwalment il-prezz u l-interessi (dok. B); u illi (3) b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tas-16 ta' April 1953 il-konvenuta Maria Micallef għamlet donazzjoni a favur tal-konvenut l-ieħor Joseph Micallef, missierha, tad-dritt tagħha ta' rkupru konvenzjonali, in kwantu lilha spettanti, riżervat bl-att fuq indikat tat-18 ta' April 1952, u l-partijiet iddikjaraw li dana d-dritt donat kellu l-valur ta' £50, dikjarazzjoni magħmula għall-fini tal-boll, għalkemm hu tal-valur wisq superjuri, u kontestwalment il-konvenut Joseph Micallef għan-nom tiegħu proprju u bħala donatarju tas-sehem ta' bintu Maria, iddikjara li jrid jeżerċita d-dritt ta' retratt konvenzjonali fuq imsemmi, u l-konvenut Zahra irrilaxxja l-fond u ddikjara li rċieva l-prezz, interessi u spejjeż (dok C); u illi, (4) billi d-dritt tar-retratt konvenzjonali ma jistax jiġi eżerċitat fl-interess ta' ħadd ieħor u hu intuwittiv li lanqas [illegible] jiġi [illegible]dut lil ħadd ieħor gratuwitament, u fi kwalunkwe każ id-dritt taċ-ċessjonarju gratuwitu għandu jiġi kunsidrat bħala posterjuri għad-dritt tar-retratt legali kompetenti lilhom u eżerċitat minnhom biċ-ċedola ta' l-11 ta' April 1953; u illi (5) il-konvenut

Joseph Micallef eżerċita d-dritt tar-retratt konvenzjonali fl-interess ta' ħadd ieħor, in segwitu għal ftehim pre-ordinat magħmul għad-dannu tagħhom, biex jiġi eluż id-dritt tagħhom kif fuq eżerċitat; jitolbu illi, wara li jiġu premessi *d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħtija l-provvedimenti* opportuni:—

1. Jiġi dikjarat u deċiż illi lilhom jikkompeti d-dritt tar-retratt legal bit-titolu tal-viċinanza fuq il-fondi superjorment indikati, numri 108 u 109 Saint Joseph Road (High Street), Ħamrun, suġġetti għall-piż ta' 10s. fis-sena in *perpetwu għall-quddies, mibjugħa lill-konvenut Gaetano Zahra* bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-18 ta' April 1952, u li huma eżerċitaw validament dan id-dritt tar-retratt biċ-ċedola fuq indikata ta' l-11 ta' April 1953;

2. Jiġi dikjarat u deċiż, għar-raġunijiet fuq indikati u għal kull raġuni oħra valida li tirriżulta, li d-donazjoni *magħmula mill-konvenuta Maria Micallef lill-konvenut* Joseph Micallef, tan-nofs lilha spettanti tad-dritt tar-retratt konvenzjonali riżervat fl-atti tat-18 ta' April 1952 — donazzjoni effettwata bl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tas-16 ta' April 1953 — hija nulla u ineffikaċi għall-finijiet kollha, u għall-effetti tal-liġi;

3. *Għall-premessi raġunijiet, jiġi dikjarat null, għall-*imsemmi nofs indiviż (minħabba f'mankanza ta' titolu validu), u jiġi annullat, in kwantu għan-nofs l-ieħor, ir-retratt konvenzjonali eżerċitat mill-konvenut Joseph Micallef kontra l-konvenut Gaetano Zahra, u relattiv rilaxx tal-fond fuq indikat u deskritt numri 108 u 109 Saint Joseph Road (High Street), *Ħamrun*, suġġett *għall-piż ta' 10s. fis-sena in* perpetwu għall-quddies, magħmul fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tas-16 ta' April 1953;

4. Subordinatament għad-domandi preċedenti numri 2 u 3, u f'każ ta' eżitu sfavorevoli ta' dawk id-domandi, jiġi dikjarat u deċiż illi d-dritt ta' retratt konvenzjonali akkwistat mill-konvenut *Joseph Micallef fl-atti tan-Nutar* Joseph Gatt tas-16 ta' April 1953 huwa posterjuri għad-dritt tar-retratt legali eżerċitat minnhom biċ-ċedola tal-11 ta' April 1953 fuq indikata;

Salv illi b'azzjoni separata huma jitolbu l-likwidazzjoni

tal-ispejjeż leġittimi inkorsi mir-retrattarju, u r-rilaxx effettiv tal-fond, skond l-eżitu tad-domandi preċedenti u fil-każ li r-rivendizzjoni ma ssirx bonarjament;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest tat-22 ta' Mejju 1953, kontra l-konvenuti, li ġew inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-18 ta' April 1952 il-konvenut Micallef, bħala proprjetarju assolut tan-nofs indiviż, u l-konvenuta Micallef, bintu, bħala nuda proprjetarja tan-nofs l-ieħor indiviż, flimkien ma' Adelina Micallef bħala użufruttwarja ta' dan l-aħħar nofs indiviż, biegħu lill-konvenut Zahra l-fondi msemmijin fiċ-ċitazzjoni, bil-prezz ta' £600, u bil-patt tar-retratt konvenzjonali għal żmien tliettax il-xahar minn dak inhar tal-kuntratt. B'ċedola numru 8 tal-11 ta' April 1953 l-atturi rkupraw, bit-titolu tal-viċinanza, mill-poter tal-konvenut Zahra l-istess fondi. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar ġa msemmi tas-16 ta' April 1953 il-konvenuta Micallef iddonat gratuwitament lill-missierha, il-konvenut Micallef, li akkwista gratuwitament, id-dritt ta' rkupru konvenzjonali li hija kienet żammet favur tagħha fuq dak l-att tal-bejgħ rigward il-fondi ġa msemmija; u kontestwalment il-konvenut Micallef, f'ismu proprju u bħala donatarju ta' bintu, irkupra mill-poter tal-konvenut Zahra l-istess fondi, billi pprevalixxa ruħu mid-dritt tar-retratt konvenzjonali li huwa kien żamm favur tiegħu fl-att tat-18 ta' April 1952, u minn dak li fl-istess att kienet żammet favur tagħha l-konvenuta Micallef, u li huwa akkwista b'donazzjoni minn għandha bl-att tas-16 ta' April 1953. Il-konvenut Zahra irrilaxxja l-fondi lill-konvenut Micallef;

Bi protest tat-22 ta' Mejju, 1953, l-atturi nterpellaw lill-konvenut Zahra u lill-konvenut Micallef biex fi żmien erbgħa tijiem iħassru l-att fuq imsemmi ta' retratt konvenzjonali, wara li ddeduċew b'formali notizzja ta' l-istess konvenuti illi kull ma kienu għamlu bl-att tas-16 ta' April, 1953 kien sar bi skop li jiġi frustrat id-dritt ta' rkupru legali

li huma kienu eżerċitaw, u interpellaw lill-konvenut Zahra biex jagħmel ir-rivendizzjoni favur tagħhom ta' dawk il-fondi in segwitu għaċ-ċedola fuq imsemmija. Il-konvenuti Micallef u Zahra ma għamlu xejn minn dan; u għalhekk l-atturi ġew b'din il-kawża;

Illi l-pretensjonijiet ta' l-atturi huma: (1) illi l-konvenut Micallef eżerċita d-dritt ta' retratt konvenzjonali fl-interess tal-konvenut Zahra, u dan ma setax jagħmlu, għaliex id-dritt ta' retratt konvenzjonali ma jistax jiġi eżerċitat fl-interess ta' ħaddieħor; (2) illi d-donazzjoni magħmula mill-konvenuta Micallef lill-konvenut Micallef hi nulla u ineffikaċi, għaliex, bħal ma d-dritt ta' rkupru konvenzjonali ma jistax jiġi eżerċitat fl-interess ta' ħaddieħor, hu intuwittiv illi l-istess dritt ma jistax jiġi ċedut lil ħaddieħor gratuwitament; (3) subordinatament, u f'każ ta' eżitu sfavorevoli ta' l-ewwel żewġ pretensjonijiet, illi d-dritt ta' retratt konvenzjonali akkwistat mill-konvenut Micallef mingħand il-konvenuta Micallef hu posterjuri għad-dritt tagħhom ta' rkupru legali eżerċitat minnhom kif fuq ġie msemmi;

Ikkunsidrat;

Illi, rigward l-ewwel pretensjoni, hi regola stabbilita minn żmien antik, sanċita wkoll fid-dispożizzjoni ta' l-art. 1508(2) tal-Kodiċi Ċivili, li r-retratt ma jistax jiġi eżerċitat fl-interess ta' ħaddieħor. Imma din ir-regola tapplika għar-retratt legali, u mhux ukoll għal dak konvenzjonali. Tabilħaqq, dina l-Qorti rriteniet illi lill-venditur li jeżerċita d-dritt konvenzjonali li jkun żamm favur tiegħu fl-att tal-bejgħ, b'differenza tal-konsangwinei, tal-viċini u tal-konsorti, mhux vjetat illi jirkupra biex ibiegħ il-fond lil ħaddieħor (Vol. VII, 414); u anki jekk l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ikun sar bl-iskop li jiġi eluż id-dritt ta' rkupru ta' ħaddieħor (Vol. XXIX-II-1243). Għalhekk l-ewwel pretensjoni ma treġix;

Illi, rigward it-tieni pretensjoni, hu magħruf illi, waqt li r-retratt legali hu personali għal dawk il-persuni li lilhom jiġi attribwit, u għalhekk dawk il-persuni ma jistgħux jittrasferuħ lil persuni oħra, ir-retratt konvenzjonali li jiġi riżervat lill-venditur fil-kuntratt tal-bejgħ bħal li kieku jkun parti mill-ħaġa mibjugħa, hu dritt "in re", fis-sens li mhux inerenti fil-persuna tal-venditur, imma hu parti tal-proprjetà

tiegħu, u għalhekk jista' jiġi trasferit minnu. Fi kliem ieħor, *il-venditur, f'każ ta' bejgħ bil-patt ta' rkupru konvenzjonali*, ikun qiegħed jirriżerva favur tiegħu parti mill-proprjetà tiegħu, li tifforma parti mill-patrimonju tiegħu, u għalhekk din il-parti ta' proprjetà tista' tiġi minnu trasferita lil ħadd ieħor bi kwalunkwe titolu kompetenti lilu skond il-liġi, tant gratuwitament kemm bi prezz. Għalhekk lanqas din il-pretensjoni ta' l-atturi ma hi sostenibbli;

Illi, rigward it-tielet pretensjoni, hu ċar illi, bid-donazzjoni magħmula lilu mingħand bintu, il-konvenut Micallef akkwista d-dritt li jeżerċita l-irkupru konvenzjonali fuq il-fondi mibjugħa ġa msemmijin fiż-żmien kollu li kien għad fadal tat-tlettax il-xahar oriġinarjament miftihem fl-att tal-bejgħ. Matul dak iż-żmien kull irkupru minnu eżerċitat — u fil-fatt huwa eżerċita dak l-irkupru f'dak iż-żmien — kien preferibbli għal kull dritt ta' rkupru legali eżerċitat minn ħaddieħor; għaliex hu biżżejjed magħruf illi fil-konkors ta' retratt legali u retratt konvenzjonali jirbaħ dan l-aħħar wieħed. Għalhekk it-tielet pretensjoni ta' l-atturi lanqas ma hi aċċettabbli;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż.